



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Novembru 2023
(OR. en)

11666/23

LIMITE

POLCOM 156
SERVICES 33
FDI 20
COLAC 88

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0258 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex iniedu negozjati maċ-Ċili dwar ftehim modernizzat maċ-Ċili biex jissostitwixxi l-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra¹ (il-‘Ftehim ta’ Assoċjazzjoni’).
- (2) Fid-9 ta’ Diċembru 2022, in-negozjati bejn l-Unjoni u ċ-Ċili ġew konklużi b’suċċess.
- (3) Il-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni tipprevedi żewġ strumenti legali. L-ewwel strument huwa l-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, (il-‘Ftehim Qafas Avvanzat’), li jinkludi: il-pilastru Politiku u ta’ Kooperazzjoni, u il-pilastru tal-Kummerċ u l-Investment, li jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment. It-tieni strument huwa l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (“il-Ftehim”), li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment. Il-Ftehim se jieqaf milli jkollu effett u se jiġi sostitwit mill-Ftehim Qafas Avvanzat mad-dħul fis-seħħ ta’ dan tal-aħħar.

¹ ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.

- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li jinsabu fil-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (id- "Dikjarazzjoni Konġunta"), meħmuża mal-Ftehim, jenħtieġ li tiġi approvata f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili¹⁺ huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta meħmuża mal-Ftehim, għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni

¹ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU : ara d-dokument ST 11668/23.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kunsill

Il-President